**KUNSILL LOKALI NADUR**
**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Ħamsa u Erbgħin (54)

## L-Erbgħa, 7 ta' Diċembru, 2022

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fl-10:00 am.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**SKUZATI:**

| | |
|---|---|
| Megan Portelli | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

Nota:- Kien hemm il-laqgħa pubblika skond l-artikolu 70 tal-Att dwar il-Kunsili Lokali (363) fid-9:30am izda ma kien hemm hadd mill-pubbliku.

54.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.

Ambaxxatur taż-Żgħazagħ u l-Kunsillier Josef Camilleri kienu skuzati.

54.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti.

Il-Minuti tat-Tlieta u Ħamsin (53) il-laqgħa tad- 9 ta' Novembru 2022 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 53 ġiet iffirmata. Din ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarja, Proponent- Eucharist Camilleri u Sekondant- Joseph Vella.

54.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank.

Dħul- 1025 euro tac-Charter Bienvenida, Refund tal-organic tal-Wasteserv 28,000 euro, 775 euro tac-Charter ta' Sweden, 10,000 euro tal-WirjaAgrarja minn naħa tal-MGOZ, 13,392 euro ta' l-skema tal-Milied 2022, 16,850 euro fuq Skema tal-playing Field San Blas.

Il-Kunsill irċieva Cirkulari 10/2022 dwar l-Allokazzjoni finanzjarja tas-sena 2023.

Iridu jidhlu l'quddiem 25% skema tal-Karnival DLG, taċ-Charter Cashel, Regjun tal-festa, Skema playing field tal-Ħali, skema Milied u skema Kunċert 2022.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

54.4. *'Quarterly Report'* Lulju sa Settembru 2022;

Expenditure – Is-Sindku spjega li il-budget inqabez l-aktar minħabba operations and maintenance u administration. Skond quarterly kellna line items li nfaqna ħafna bhal lease of equipment, refuse collection, consultation fees, hospitality, travel u information services.

Is-Sindku u S-Segretarja gibdu l-attenzjoni fuq il-Budgeting għas-sena 2023 u kien hemm qbil li tintbgħat ittra lil għaqdiet kollha rigward kif ser jkunu l-Kollaborazzjoni tas-sena 2023. Kien hemm qbil fuq dan.

Il-Kunsill ser jgħalaq daqt il-loan tal-APS bi ħlas oħra ta' l-aħħar u fuq skema PPP jkun fadal madwar 30k.

FSI – Dan baqa positive 1%.

Kien hemm qbil unanimu fuq il-Quartely report u dan ġie approvat.

54.5. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.

LESTI:-

Ħajt tas-sejjieħ biex jinbena fi Triq tad-Duru.

Sement taht bankina fi Triq ta' Said c/w Triq San Gwann.

Bankina gdida fi Triq ix-Xini ma Triq tad-Duru.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## KUNSILL LOKALI NADUR

Aktar tabelli tan-no parking.

Sement fil-parking ta' San Blas minħabba ilma.

Bankina biex titħalleb fi Triq San Gorg Preca u Triq iz-Zernieq.

Tappiera tħabbat fi Triq ta' Said.

Sement ma' bankina minħabba qlib ta' ilma fi Triq San Blas.

Gebel tas-sejjieh mwaqqa fi Triq ir- Ramla l-Qadima.

Bankina biex timtela bit-torba u sement fi Triq Xjuf ir-Riħ

Pendenti:-

- Sement f'passaġġ fi Triq Għajn Qasab.
- Rampa biex titranga f'Wied ta' Grejgel imma irridu naraw kif nistgħu ndaħħlu l-makkinarju.
- Jitranga ħajt qabel ix-xitwa taht it-Triq Ta' Xurdin.
- Jitranga ċaċċis tat-Torri ta' Sopu.
- Zewġ gates tal-ħadid għal tal-Ħali.
- Yellow lines fi Triq Grunju.
- Jitranga rampa/tarġ fi Triq San Blas
- Talba ghal bozza fi Triq Xurdin- applikajna u ġiet approvata.
- Bankina fi triq Piju Cellini
- Yellow lines fi Triq ta' Ħida
- Zbir ta' sigra fi Triq Guze Ellul Mercer
- Zrar f'passaġġ fi Triq Għajn Qasab. Rajna imma ma jafux bih.
- Manutenzjoni tal-lapida fi Triq Daħlet Qorrot.
- Bankina ġdida fi Triq San Blas.
- Sement u ftit kantuni fin-nizla ta' San Blas.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- Bankina biex tinbiddel fi Triq Dun Guzepp Vella.
- Zewg ħadidiet fuq bankina ħdejn l-iskola minħabba li jitellew karozzi.
- Titranga gradilja fi Triq Wied ir-Rihan.

MHUX LESTI MINN TERZI:

- Give Way fi Triq Ħanaq – Il-Kunsill applika ma' TM.
- Slow signs fi Triq ir-Ramla l' fuq minn l-Almar – Il-Kunsill applika ma' TM.
- Ħitan ta' Xhajma – Dan għadu ma sar xejn fuqhom.
- Jitranga sqaq tad- Duru – Qed nistennew minn il-Perit.
- Aktar parking fi Triq Diċembru 13 – Il-Kunsill qed jara ma' TM.
- Yellow lines fi Triq San Koronatu. Il-Kunsill ser jagħmel kuntatt ma TM.
- Double yellow lines fi Triq Piju Cellini. Qed naraw ma' TM.
- Talba għal bollard ma' bankina fi Triq Ħanaq. Il-Kunsill qed jara ma' TM.
- Biex jitranga injam tal-bankijiet fi Triq il-Madonna ta' Fatima.
- Gutter għal-ilma fi Triq ir-Ramla- resident għandu jitkellem mal-perit.

54.6. Korrispondenza;

| | |
|---|---|
| 6352 | Websites tal-Kunsilli Lokali Aġġornati u Modernizzati |
| 6353 | Mistoqsija Parlametari Nru 3927 - Bajjiet u Xtajtiet. |
| 6354 | Għoti ta' Ikla tal-Milied għall-persuni partikulari fil-Lokalità |
| 6355 | CIR AKL 2022_111_CALL FOR APPLICATIONS - The Congress of Local and Regional Authorities of the Council of Europe |
| 6356 | Cir AKL 2022/102 Festin tal-Milied għat-tfal organizzat mill- Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali |

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

| | |
|---|---|
| 6357 | SPI/SCI/9/2022: Finanzjament ta’ Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b’saħħithom- L-applikazzjoni tal-Pjazzetta giet awarded |
| 6358 | Financial Allocation 2023 |
| 6359 | Cir AKL 2022/105 Laqgħa Plenarja AKL 25/26 ta' Novembru 2022 |
| 6360 | Ittra mingħand Michel Angelo Muscat rigward kollaborazzjoni ta' Kunċert |
| 6361 | Laqgħa ta’ Konsultazzjoni għall-Istrateġija Nazzjonali tal-Gvern Lokali |
| 6362 | Talba mingħand JP2 Foundation dwar kollaborazzjoni |
| 6363 | Miqsoqsija Parlamentari Nru 4146 |
| 6364 | Milied F'Għawdex - Naħseb Fik-MGOZ |
| 6365 | Ittra rigward Stray Cats Malta mingħand MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS għal informazzjoni |
| 6366 | Cirk. AKL 2022/108 polza tal-assigurazzjoni tas-saħħa 2023 |
| 6367 | Cirkulari no. 8/2022- kors ta' Aġġornament dwar l-EPPS |
| 6368 | Notifika ta' terminazzjoni ta' servizzi- Greenpak |

*Rimarki oħra:-*

Ittra mingħand Michel Angelo Muscat rigward kollaborazzjoni ta' Kunċert- Is-Sindku għamel proposta ta’ 200 euro. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issekonda u l-membri l-oħra qablu ukoll.

Talba mingħand JP2 Foundation dwar kollaborazzjoni għal l-attivita’ Souls and Saints- Din it-talba waslet quddiem is-segretarja qabel il-Laqgħa tal-Kunsill u peress li l-attivita’ kienet fil-qrib riedu risposta. Is-Segretarja infurmat lil Kunsilliera kollha u kien hemm qbil li jingħata l-ammont biss ta’ 150 euro u mhux 400 euro. JP2 Foundation ma aċċettax dan l-ammont u l-attivita’ mhux ser isir.

Dan il-ħin is-Sindku għamel Mozzjoni li talbiet iridu jersqu quddiem il-Kunsill xaharejn qabel l-attivita’. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli issekonda din il-Mozzjoni u l-Kunsilliera l-oħra kollha favur il-mozzjoni.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

Cirk. AKL 2022/108 polza tal-assigurazzjoni tas-saħħa 2023- Kien hemm qbil li terġgħa titħallas lil Kunsilliera, staff u CWS.

Ikla tal-Milied minn naħa tar-Regjun għal l-anzjani li jgħixu weħidhom- Kien hemm qbil li terġgħa isir.

Websites tal-Kunsilli Lokali Aġġornati u Modernizzati- Kien hemm diskussjoni fuq din peress li l-Kunsill diġa għamel ħafna xogħol u investiment f'website tagħna. Ġie deċiz li tintbgħat e mail lil DLG rigward x'informazzjoni ser tikonsistil-website tagħhom qabel nieħdu deċizzjoni.

Notifika ta' terminazzjoni ta' servizzi- Greenpak fis-sena 2023.

54.7. Skemi u Offerti Pubbliċi;

Offerti tal-Karnival 2023- Il-Kunsill ser joħrog offerti tal-Karnival – mobile toilets, dawl u indafa u irridu naraw dwar sound system x'ser jigri li ser jiġi diskuss f'item no. 54.8.

Skema Reġjonali –Ambjent 2021- Il-Latrina lesta u qed naraw fuq il-kontijiet u wara l-claim.

Skema Għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern – Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ta update fuq il-Kunċert tal-Milied 2022.

Skema LESA- Il-Kunsill applika u qed nistennew risposta.

Skema Reġjun – Parks u Ġonna u Spazji Pubbliċi- Iridu jinħadmu l-offerti.

Skema Playing Fields 2022- Iridu jinħadmu l-offerti.

Skema Finanzjament Milied- L-attivita' ser tkun fl-14 ta' Diċembru. (Joy to the World)

Skema Finaanzjament Proġetti Kapitali u Komunitajiet Isbaħ u aktar b'saħħithom Cirkulari no. SPI/SCI/09/2022—Il-Kunsill ġie awarded dan il-proġett.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

# KUNSILL LOKALI NADUR

Skema Funtani- Qed tinħadem id-dokument tal-offerta minn l-Engineer.

Toroq Rurali M.4.3

Fl-aħħar laqgħa l-Kunsill ħatar il-board tal-Evalwazzjoni tal-*M4.3 (3rd call) European Agricultural Fund for Rural Development 2014-2020. Improving Access to farmers in Nadur by resurfacing Rural Roads.*

Peress li l-Timothy Portelli informa li ma' għandux esperjenza fuq proġetti ta' Toroq kien hemm qbil li tkun il-Perita Mariella Xuereb li għandha esperjenza u aċċettat ukoll.

It-tender inħarġet.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

Fondi DPF fuq il-Belvedere ta' Triq ir-Ramla– Il-Kunsill qed jistenna minn naħa ta' DPF għal aktar fondi.

54.8. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Soċjali;

Post Mortem Attivitajiet Kunsill u Ftuħ Latrina- Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri faħħar l-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill. Hu għamel remarka li l-Esibizzjoni Presepist kienet ta' suċċess ukoll izda spiċċa x-ma kienx hemm persuna responasabbli fuqha u x-xogħol kwazi kollu kien fuq il-Kunsill. Hu kompla jgħid li anke kif ser jieħdu l-affarijiet tal-wirja lura l-Italja ma hemmx ftiehem sew.

Il-Kunsillier Joseph Vella għamel remarka biex l-għaqda tal-Presepji jaraw li qabel jitlaq l-artist iħalli perċentaġġ lil għaqda.

Karnival 2023:

- Poster –L-artist Frans Camilleri aċċetta li jagħmel l-pittura tal-poster tal-Karnival. Hu ma jridx ħlas izda innota li jekk isir ħlas lil IZDA.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- Is-Sindku tkellem mal-Ministeru tat-Turizmu u l-Ministeru Għawdex rigward il-karnival tan-Nadur u intbgħatet ittra lilhom biex il-Karnival tan-Nadur ikun organizzat mill-Kunsill flimkien magħhom.
- Is-Sindku għamel suggeriment li l-Wirja Agrarja tintalab kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Agrikultura, f'Lulju l-Model/song festival titella minn naħa tal-Kunsill, Halloween – napplikaw mill-fondi tal-Culture funds, Jum il-Kunsill f'Novembru minn naħa tal-Kunsill, f'Diċembru jkun hemm 8k u napplikaw il-Milied taht skema DLG.
  Kien hemm qbil.
- Wine Festival 2023- Dati ser ikunu 1 u 2 ta' Settembru 2023. Kien hemm qbil.
- Kien hemm diskussjoni fit-tul rigward Proposta ta' G7 biex ikunu jghinu lil Kunsill Lokali fil-Karnival spontanju. Din il-proposta thalli lil Karnival Spontanju kif nafuh pero ikun hemm aktar investiment fuq entertainment u stage. Il-Kunsilliera qablu fuq proposta u talbu biex jiġu klarifikati xi affarijiet oħra. Kien hemm qbil ukoll li jintalab li jibqa s-sound system tagħhom ukoll għal granet l-oħra u b'hekk il-Kunsill ma jieħux ħsieb is-sound system.
- Il-Kunsillier Joseph Vella għamel remarka rigward biex jintalab kollaborazzjoni mingħand MTA ukoll.

54.9. Proġetti u Xogħolijiet Oħra.

54.9.1. Triq ir-Ramla l-Qadima- Bħalissa wieqaf kollox minn naħa tal-Kuntrattur.

54.9.2. Dawl ta' Triq it-Tramuntana soft area- Il-Kunsill ser isib Kuntrattur ieħor. Jgħaddi id-dawl.

54.9.3. Railings ta' Xhajma- Il-Kunsill għadu bla risposta minn naħa ta' MGOZ.

54.9.4. Zebgħa bullards fi Triq Arc Saver Cassar u Pjanti- Dawn għadhom ma sarux.

54.9.5. Dawl Monument tal-Gwerra- Dan isir wara li tinfetaħ il-librerija.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

54.9.6. Gazebo fil-Belvedere DC Cocco Palmeri- Il-Kunsill ser jara jixtrix waħda.

54.9.7. Bankijiet ġodda fil-Pjazza- Hemm il-ħsieb li jiġu applikati fuq fondi DPF.

54.9.8. CCTV fil-ġonna tal-Ħali, Gnien il-Kunsill u ta' Kenuna. Dawn jiġu applikati l quddiem fuq fondi DPF.

54.10.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.

54.10.1.Rikjesti mis-Sindku:

Induru l-kliem tal-monument tal-gwerra ta' l-iskola u tikħil fil-bolavostri.

Talba għal sement bix jitranga passaġġ fi Triq Grunju

Talba għal gebel tas-sejjieh biex jinbena fil-wied tal-Buskett.

Nirrangaw zip tal-bieb tat-tinda tal-boċċi ta' San Blas.

Repaint ta xi sinjali tat-toroq.

54.10.2 Rikjesit mingħand Eucharist Camilleri;

Talba għal bozza gdida fi Triq it-Tramunatana

Talba biex jimxi ftit il-parking tal-lottu fi triq Diċembru 13.

Talba biex disabled parking fi Triq Diċembru 13 isir communial

Talba għal turba fi Triq Xurdin.

Talba bil-customer care rigward tappiera fi Triq Ħanaq li qed tħabbat.

54.10.3 Rikjesti mingħand Joseph Vella:

Ma kienx hemm talbiet.

54.10.4. Rikjesti mingħand Jean Paul Portelli:

Talba biex jitneħħew yellow lines fi Triq Grunju

Talba għal yellow lines godda fi Triq Grunju. Il-Kunsill ser jara fuq dawn.

Is-Segretaja gibdet l-attenzjoni fuq l-VL li baqa pendent tagħha, ta' Saviour Xiberras u John Ivan Xuereb. Kien hemm qbil li dawn jitpoġġew għas-sena 2023.

54.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fis-12:30pm. Il-Laqgħa li jmiss ser tkun fil-11 ta' Jannar 2023 fl-4pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva